MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 2182/1999/1

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta' Ottubru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-8 ta' Ottubru 1988;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba adulterju mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid kommessi da parti tal-konvenut kif ukoll minhabba inkompatabilita' ta' karattru;

Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal, *ossia* Clayton u Kimberley ta' ghaxar (10) snin u erba' (4) snin rispettivament;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond' Awla tat-12 ta' Awissu 1999 kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dok. "A" biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti;

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghal uliedha minuri;

3. Tordna l-kura u kustodja tat-tfal minuri Clayton u Kimberley tigi fdata f' idejn l-attrici;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet *applikando* kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina *okkorendo* ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma w okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorendo permezz ta' perit nominand;

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta' Novembru 1999, fejn talbet biex din il-Qorti jogghobha tvarja d-digriet tas-Sekond' Awla tat-12 ta' Awissu 1999 fis-sens li tordna li biex jezercita d-dritt ta' l-access tal-minuri Kimberly il-konvenut kellu jigbor l-istess minuri mill-vicinanzi tal-Ghassa ta' Haz-Zabbar u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 25 ta' Jannar 2000, fejn talbet lil din il-Qorti jogghobha tordna li l-access jibda jigi ezercitat taht sorveljanza u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 26 ta' Jannar 2000, fejn talbet lil din il-Qorti jogghobha tawmenta l-manteniment dovut mill-intimat lill-esponenti u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 5 ta' Gunju 2000, fejn il-Qorti laqghat it-talba u konfermat id-dritt tal-access kif ordnat mis-Sekond' Awla fid-digriet tat-12 ta' Awissu 1999 ordnat li dan l-access jigi ezercitat billi l-konvenut jigbor u jirritorna lill-minuri Kimberly minn quddiem l-Ghassa ta' Haz-Zabbar.

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2000, fejn kien ghad jonqos in-notifika tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' B datata 7 ta' Lulju 2000 a fol. 15 tal-process fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji w abbandun da parti ta' l-attrici;

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba l-adulterju ta' l-attrici kif ser jirrizulta bl-aktar mod ampju waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi kwindi filwaqt li l-Qorti tillikwida l-istess komunjoni u taqsamah f’ zewg porzjonijiet ghandha tapplika kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi;

4. Illi *in vista* ta’ l-adulterju in flagrante ta’ l-attrici, l-manteniment lilha ghandu jigi michud;

5. Illi t-tfal minuri Clayton u Kimberley qieghdin fil-periklu imminenti minhabba li l-attrici ghandha relazzjoni intima ma’ persuna li ghandha konnessjonijiet kriminali u kwindi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f’ idejn l-eccipjent;

6. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 16 u fol. 17 tal-process.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Novembru 2000, fejn il-Qorti dejjem diversament presjeduta innominat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 1 ta’ Marzu 2001 fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tvarja id-Digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, li jgib in-numru 1032/99 billi tissospendi d-Digriet premess in kwantu li jolqot l-access tal-konvenut ghal Kimberley, taddifa l-kura u kustodja tal-minuri Clayton lil l-istess esponenti fl-ahjar interess tal-minuri u tinnomina lid-Direttur tac-Centru Tfal u Familja biex jinvestiga u jirrelata dwar it-talbiet ta’ dan ir-rikors.

Rat id-digriet datat 7 ta’ Marzu 2001, fejn giet ordnata n-notifika lill-kontroparti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal datat 6 ta’ April 2005, fejn irrizulta li dan ir-rikors gie a konjizzjoni tal-Qorti fis-6 ta’ April 2005 u ghaldaqstant il-Qorti hasset li kull talba giet sorvolata, salv ovvjament dak li ghandu jinghad fid-decizjoni, u astjenit milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fis-16 ta’ Lulju 2001.

Rat il-verbali datati 23 ta’ April 2001 u 6 ta’ Novembru 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 23 ta’ Novembru 2001 fejn talab li din il-Qorti biex joghgobha tirrikjama tali rikors ghal data aktar vicina biex il-Qorti tisma’ lill-partijiet u taghti kull provediment opportun biex jigu salvagwardjati l-interessi tal-minuri.

Rat id-digriet datat 26 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici A datata 5 ta’ Dicembru 2001, a fol. 33.

Rat id-digriet datat 28 ta’ Jannar 2002, fejn il-Qorti f’dak l-istadju cahdet it-talba b’dan pero’ li l-access u l-kustodja tal-minuri ghandha ssir mill-partijiet bl-eskluzjoni ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parentela mal-kontendenti, u dan taht is-sanzjonijiet ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 6 ta’ Marzu 2002, fejn giet ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-30 ta’ Mejju 2002.

Rat in-nota tal-konvenut B datata 10 ta’ Marzu 2002, a fol. 36, fejn gab a konjizzjoni ta’ din il-Qorti li ghat-tieni gimgha konsegutiva A naqset li ggib lil minuri Kimberly ghal access.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Mejju 2002, fejn il-Qorti ordnat lil Assistent Gudizzjarju biex tiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u wara liema seduta l-provi attrici gew dikjarati maghluqa. Inghata digriet affidavit b’ terminu ta’ erbghin (40) gurnata. Il-Qorti awtorizzat lill-konvenut biex jattendi ghall-precett ta’ Kimberly.

Rat il-verbal datat 1 ta' Ottubru 2002, fejn Dr. Gavin Gulia ghall-konvenut talab biex jigi estiz it-terminu ghall-prezentata tal-affidavit. Il-Qorti laqghat it-talba u estendiet it-terminu bi sbatax-il gurnata. Il-Qorti nnutat li r-rapport fir-rikors gie redat u kien baqa' biss il-hlas tieghu.

Rat il-verbal tar-rikors Numru 2182/99/1, datat 30 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici biex thallas il-kont tal-Perit Psikjatriku fi zmien ghaxart ijiem.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fit-18 ta' Ottubru 2002 u fl-24 ta' Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attrici **A** datata 9 ta' Dicembru 2002, a fol. 51, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta' ommha Lora Zaffarese.

Rat il-verbal datat 10 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti ordnat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex izzomm it-tlett seduti li hija stess indikat in-nota taghha u biex tiffissa tlett seduti ghall-provi kollha tal-konvenut. Dr. Lorraine Schembri Orland informat lil Qorti li l-Espert Psikjatriku gie imhallas.

Rat id-digriet datat 10 ta' April 2003, fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici ddikjarat li ma ghandhiex provi izjed. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b' terminu ta' hamsin (50) gurnata w ordnat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex wara dan it-terminu tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut. Id-difensuri ddikjaraw li l-unika problema li kien hemm kienet dwar il-kura tat-tfal. Il-Qorti stidnet lid-difensuri sabiex jaraw il-process u jaraw li kollox jinsab in regola.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fit-8 ta' Jannar 2003, fejn xehed Robert Cutajar, fl-20 ta' Jannar 2003, fit-3 ta' Frar 2003 fejn xhedu Joyce Camilleri u l-Ispettur Chris Galea Scanura, fit-13 ta' Frar 2003 fejn xhedu l-Ispettur Kevin Farrugia, James Duca, Vanessa Camilleri, Maria Buhagiar u Mr. Paul Gambina, fit-12 ta' Marzu 2003 fejn xehed B, fil-5 ta'

Mejju 2003 fejn xehed Nazzreno Barbara, fis-16 ta’ Gunju 2003, fis-19 ta’ Gunju 2003 fejn xehdet Josephine Camilleri, fis-16 ta’ Lulju 2003 u fil-31 ta’ Lulju 2003.

Rat in-nota tal-konvenut **B** datata 30 ta’ April 2003, a fol. 181, li permezz taghha prezenta l-affidavit ta’ Alfred Fenech.

Rat il-verbal datat l-1 ta’ Ottubru 2003.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fit-2 ta’ Ottubru 2003, fejn xehed il-**konvenut B.**

Rat ir-rikors tal-konvenut B datat 3 ta’ Settembru 2003, a fol. 195 tal-process, fejn talab lil din il-Qorti biex tvarja d-digriet tas-Sekond’ Awla Dok. “JB1” u tiffissa hi access ghall-esponenti ghall-minuri Kimberley jew tara li d-digriet moghti mill-istess Sekond’ Awla ghall-access jigi aderit mill-attrici u fin-nuqqas taghti dawk il-provedimenti mehtiega fl-interess tal-minuri u ta’ l-istess esponenti.

Rat id-digriet datat 4 ta’ Settembru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti b’ gimgha zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici A datata 6 ta’ Ottubru 2003, a fol. 205.

Rat id-digriet datat 7 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti ordnat li r-rikkorrenti jkollu access kull nhar ta’ Sibt bejn id-9.00.a.m u 12.00pm ghall-minuri Kimberly.

Rat ir-rikors tal-attrici A datat 24 ta’ Ottubru 2003, a fol. 206, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tordna lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tiffissa seduta wahda ghall-konto-ezami ta’ Alfred Fenech.

Rat ir-digriet datat 27 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat ir-rikors tal-attrici A datat 24 ta’ Ottubru 2003, a fol. 29, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tinnomina Perit Arkitett biex jistma l-fond, li hu l-uniku ass immobbiljari tal-komunjoni tal-akkwisti, u *stante* l-esponenti m’ ghandhiex mezzi u tghix bl-assistenza socjali, joghgobha tordna li dan issir a spejjez tat-tnejn.

Rat id-digriet datat 27 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut B datata 3 ta’ Frar 2004, a fol. 213.

Rat id-digriet datat 5 ta’ Frar 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontro-parti b’ jumejn zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Dicembru 2003, fejn Dr. Anglu Farrugia ta ruhu b’ notifikat bir-rikors tal-attrici tal-24 ta’ Ottubru 2003 u rremeta ruhhu. Il-Qorti nominat lil Perit Tekniku Valerio Schembri biex jaghmel stima tal-fond “Convic Flats”, Flat 4, Triq ic-Cawsli Hal-Qormi. Il-Qorti nominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jisma’ l-provi li kien fadal sa’ l-ahhar ta’ Frar 2004.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-2 ta’ Marzu 2004, fejn xehed in kontro-ezami B.

Rat is-seduta mizmuma l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-16 ta’ Marzu 2004, fejn ma sar xejn.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Marzu 2004, fejn l-Espert Psikologiku Dr. John Mifsud halef ir-rapport. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-provi jinsabu maghluqa u li kien jonqos biss ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri.

Rat ir-rapport tal- Espert Psikologiku Dr. John Mifsud minn fol. 249 sa fol. 263.

Rat il-verbali datati 13 ta’ Mejju 2004 u 26 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Marzu 2005, fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li r-rapport tal-Perit Tekniku thallas. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz (on tape) dwar il-pretensjonijiet taghhom. Id-difensuri qablu li l-Perit Tekniku jigi awtorizzat jahlef ir-rapport tieghu fir-registru u rrinuzjaw ghan-nomina ta’ Periti Perizjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju 2005.

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-attrici *tramite* d-difensur taghha Dr. Lorraine Schembri Orland minn fol. 270 sa fol. 278.

Rat il-pretensjonijiet tal-konvenut *tramite* d-difensur tieghu Dr. Anglu Farrugia minn fol. 279 sa fol. 286.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri li gie mahluf fir-registru fis-17 ta’ Marzu 2005, li jinsab minn fol. 287 sa fol. 296.

Rat ir-rikors tal-attrici A, datat l-1 ta’ Marzu 2001, fejn talbet li din il-Qorti biex tissospendi d-digriet moghti mis-Sekond’ Awla, li taffida l-kura u kustodja tal-minuri Clayton lill-istess esponenti fl-ahjar interess tal-minuri u biex tinnomina lid-Direttur tac-Centru Tfal u Familja biex jinvestiga u jirrelata dwar it-talbiet.

Rat id-digriet odjern datat 31 ta’ Mejju 2005 fejn f’din is-sentenza din il-Qorti qed tichad it-talba ta’ l-attrici fir-rikors taghha imsemmi anke peress li thoss li llum tali provediment ma’ hemmx bzonnhu peress li ser tipprovdi ghal l-istess f’din is-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet fejn l-attrici qed tallega li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment

minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut kif indikat fic-citazzjoni attrici inkluz ghal sevizzi, eccessi, swat, theddid u ingurji gravi, filwaqt li min-naha l-ohra l-konvenut qed jallega li z-zwieg tkisser minhabba adulterju da parti ta' l-attrici.

Illi dwar din l-ewwel talba attrici ghall-pronunzjament ta' responsabbilta' ghal din il-firda personali, din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti thoss li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment principarjament minhabba l-agir tal-konvenut li kien hati versu l-attrici ta' eccessi, sevizzi, swat u mohqrija u ngurji gravi, u dan l-aktar peress li din il-Qorti thoss li mill-atti processwali jirrizulta ppruvat li l-attrici giet suggetta ghall-vjolenza domestika da parti tal-konvenut, u dan ghal diversi snin, tant li kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali u anke sabet refugju fid-Dar Merhba Bik. Fil-fatt jirrizulta li l-istess attrici kellha tirrikori ghal dan diversi drabi.

Illi fil-fatt dan l-agir tal-konvenut jidher li kien konsistenti u matul iz-zwieg kollu, u x-xhieda ta' l-istess attrici f'dan il-kuntest, apparti li hija hafna aktar kredibbli minn dik tal-konvenut, jirrizulta wkoll li giet ikkorroborata minn provi ohra nkluz dokumenti u rapport li prodotti f'din il-kawza, inkluzi d-diversi rapporti lill-Pulizija li saru mill-attrici kontra l-konvenut, u dan ovvjament fejn u meta setghet taghmel dan, mix-xhieda ta' omm l-attrici Lora Zaffarese, u wkoll mir-rapport esebit u pprezentat mis-*Social Worker* Liliana Micallef minn fejn jirrizulta konfermat li l-konvenut anke minhabba, kif ammetta hu kien ihobb jixrob, kien diversi drabi jsawwat lil martu. Jirrizulta wkoll li l-istess konvenut kellu u ghad ghandu problema ta' xorb u dan gie kkonfermat anke mir-rapport ta' l-espert psikjatriku Dr. John Mifsud f'pagna 12 tar-rapport tieghu esebiet minn fol. 249 sa fol.263 tal-process.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti wkoll tirreferi ghal l-istess rapport ta' l-Espert Psikjatriku John Mifsud ipprezentat fit-18 ta' Marzu 2004, fejn jirrizulta wkoll li hemm ukoll l-attrici rrepetiet u qalet lill-istess espert dwar il-mohqrija u swat li hija sofriet ma' zewgha.  Il-Qorti thoss li meta wiehed jezamina fid-dettal il-provi kollha, xhieda u dokumenti

pprezentati f'din il-kawza, jirrizulta bla ebda dubju illi l-konvenut haqar, umilja u sawwat severament lill-attrici, u din l-attitudni tieghu li bdiet anke qabel iz-zwieg, kompliet fiz-zwieg sakemm hija kienet kostretta li tabbanduna d-dar konjugali ghal kollox.

Illi ta' rilevanza u wkoll sinifikanti f'dan il-kuntest ta' vjolenza domestika huwa wkoll il-vizzju tal-konvenut li jixrob u anke li jisker, huwa wkoll amplifikat fid-decizjoni li nghatat mit-Tribunal Ekklessjastiku f'kawza t'annullament bejn il-partijiet datata 21 ta' Jannar 2004, fejn fost affarijiet ohra f'parti mill-istess sentenza, esebita fl-atti bhala Dok "JB" minn fol. 228 sa 245 tal-process hemm referenza ghar-rapport ta' *Social Worker* li jghid is-segwenti:

*"l-istorja tal-hajja ta' Josette ma' Reno hija wahda ta' theddid, swat tigbid tax-xaghar u sess sforzat, fejn hi ghaddiet minn esperjenzi horox ma' zewgha, u li meta telqet mid-dar Josette kienet konfuza u vulnerabbli hafna … Josette kellha relazzjoni tajba maz-zewg uliedha meta marret tghix "Merhba Bik" Hi giet deskritta bhala persuna li tirrifletti hafna dwar dak li taghmel u dwar dak li hu ghall-ahjar ta' wliedha".*

Illi mhux hekk biss izda jidher li waqt il-kawza u waqt dawn il-proceduri kollha, anke minhabba l-affarijiet kif zviluppaw, il-konvenut wera ruhu kattiv versu martu billi ghamel minn kollox u rnexxielu sabiex jaljena lill-iben il-kontendenti Clayton kontra ommu, tant li llum-il gurnata l-istess minuri minhabba l-influwenza li ezercita fuqu missieru lanqas biss irid jara lil ommu – omm li fil-mument li kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali biex tmur f'dar ghan-nisa msawta u li kellha relazzjonijiet tajba ma' binha.

Illi dak li gara wara sehh sforz l-incitament ta' missier l-istess minuri u l-Qorti setghet tikkostata dan anke mill-komportament ta' l-istess konvenut quddiemha, u wkoll mill-mod kif l-istess minuri gab ruhu quddiem il-Qorti, anke meta l-istess Qorti semghetu. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti u anke ta' l-Esperti hawn inkarigati jidher li saret hsara kbira fuq l-istess minuri Clayton minhabba li jidher car li gie nvolut minn missieru f'din is-separazzjoni minn ma' martu.

Dwar dan din il-Qorti tirreferi ghall-konkluzzjonijiet fl-istess decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku u partikolarment ghal dak li jinghand f'ahhar ta' pagna 13 u fil-bidu ta' pagna 14 ta' l-istess decizjoni.

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-istess sentenza sabiex wiehed jifhem kif l-istess konvenut donnu jrid jaghti x'jifhem li din il-vjolenza kollha hija biss hlieqa ta' martu; tinnota li fil-fatt din hija l-linja li l-istess konvenut ha matul il-kawza, fejn baqa' jsostni sa l-ahhar li dan iz-zwieg sfaxxa minhabba l-adulterju ta' martu, haga li ghalkemm grat, ma tirriflettix ir-realta' u l-agir tal-konvenut, li ssugetta lill-martu ghal l-umiljazzjoni u degradazzjoni kbira meta sawwatha, mhux ghal darba jew tnejn, izda ghal diversi drabi, u certament li din il-Qorti thoss li qatt ma' tista' titollera din it-tip ta' mohqrija minn persuna ghal ohra, iktar u iktar minn ragel fuq mara fil-kuntest ta' familja, u f'din il-kawza, kif ukoll f'hafna ohrajn li sfortunatament rat quddiemha din il-Qorti, johrog il-bzonn li jkun hawn legislazzjoni *ad hoc* fuq vjolenza domestika, u l-vittmi ta' l-istess u uliedhom jkollhom refugju legali, socjali u dicenti u kemm jista' jkun tempestiv ghal l-istess problema u vizzju li litteralment jerri s-sisien tal-familja u huwa kontra d-dinjita' ta' mara  bhala persuna umana.

Illi minn naha l-ohra jirrizulta wkoll li minn din il-kawza li wara li l-istess attrici kienet soggetta ghal din il-mohqrija kollha minghand zewgha, u wara li harbet mid-dar konjugali, hija kienet hatja ta' adulterju, u minkejja kollox jirrizulta li dan gie mill-ewwel ammess minnha, anke jekk wiehed ihares lejn id-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-12 t'Awissu 1999 presjeduta dakinhar mill-Onor. Imhallef Joseph Filletti, fejn fid-digriet relattiv fejn hemm il-provvediment dwar il-kura u kustodja u access tal-minuri, jinghad *"ex admissis il-mara ddikjarat li ghandha relazzjoni regolari extra-konjugali ma' ragel iehor, ghalkemm hija mhux qed tabita fl-istess post mieghu"* – almenu l-posizzjoni hekk kienet dak iz-zmien. Dwar dan hemm ix-xhieda wkoll tal-konvenut u wkoll l-istess decizjoni tat-Tribunal Ekklessjastiku li tikkonferma din ir-relazzjoni.

Illi f'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens li s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet sehhet principarjament minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, theddid u ngurji kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, li kawza ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli. Jinghad ukoll li konsegwenti ghal dan tali konvivenza llum m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju da parti ta' l-attrici.

Illi dwar it-tieni talba attrici certament li minhabba l-adulterju taghha l-konvenut m'ghandux jigi tenut li jmantniha. Il-minuri Clayton illum ghandu circa sittax-il sena u qed jghix ma' missieru u qed jigi mantnut minnu. Min-naha l-ohra t-tifla Kimberley qed tghix m'ommha u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jipprovdi ghall-manteniment taghha, u tordna li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici u jikkontribwixxi bhala manteniment ghal bintu Kimberley l-ammont ta' hamsa u tlettin lira Maltija fil-gimgha (Lm35) u allura ghall-manteniment ta' mija u erbghin (Lm140) kull erba' gimghat, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza attwali ta' l-istess attrici;

Illi tali ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu Dowty Automotive (Malta) Ltd. jew kull *employer* iehor tal-konvenut, b'mod li l-istess ammont ta' manteniment jintbaghat direttament lill-attrici kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza taghha. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* tal-konvenut sabiex l-istess jaderixxi ruhhu ma' l-istess fit-termini ta' din id-decizjoni.

Illi jinghad li din il-Qorti qed tibbaza tali rata ta' manteniment ghall-minuri Kimberley anke a bazi ta' l-introjtu tal-konvenut li jirrizulta mix-xhieda ta' Robert Cutajar, *Financial Controller* tas-socjeta' fuq imsemmija, dwar l-introjtu tal-konvenut almenu sas-sena 2002, kif jirrizulta anke minn Dok. "RC 1" sa Dok. "RC 7", fejn jirrizulta li l-anqas bhala introjtu l-konvenut bejn is-snin 1997 sas-sena 2002 kien hlas nett ta' Lm5,439 u hlas

gross ta’ Lm6,059. Fis-snin ta’ qabel is-sena 2002 kellu izjed u f’dawk ta’ wara s-sena 2002 ma’ hemm l-ebda dubju li anke abbazi ta’ ftehim kollettiv li japplika ghalih l-paga bazika tieghu gholiet. Hawn qed issir riferenza ghax-xhieda moghtija minn l-imsemmi Robert Cutajar fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 2003 quddiem l-Assistant Gudizjarju Dr. Mariella Gonzi u d-dokumenti fuq indikati esebiti a fol. 82 sa fol. 88 tal-process.

Illi dwar il-kura u kustodja tat-tifel minuri Clayton anke minhabba dak li nghad, u abbazi tar-rapport psikjatriku ghandu jibqa’ f’idejn missieru l-konvenut; hawn issir referenza ghall-istess rapport psikjatriku u ghall-fatt li l-istess minuri llum ghandu circa sittax-il sena u esprima ruhu li ma riedx jara lil ommu, din il-Qorti thoss li x-xewqat ta’ l-istess minuri ghandhom jigu rispettati b’dan li mhux ha tipprovdi ghall-access ta’ l-omm, b’dan pero’ li qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex a spejjez tal-konvenut kemm jista’ jkun issegwi u tosserva r-rakkomandazzjonijiet ta’ l-Espert Psikjatriku Dr. John Mifsud ipprezentati minnu fit-23 ta’ Settembru 2002 u fuq kollox tipprovdi terapija necessarja ghal l-istess minuri Clayton. L-istess minuri ghandu jkollu ovvjament din l-opportunita’ ta’ access kemm-il darba jkun jixtieqha. Dan ghandu jigi dejjem regolat anke skond ix-xewqat tieghu mill-Agenzija Appogg.

Illi din il-Qorti thoss li l-istess ghandu jinghad ghat-tifla Kimberley, b’dan pero li l-kura u kustodja ta’ l-istess minuri ghandha tigi fdata f’idejn l-omm u f’dan is-sens din il-Qorti qed tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet peritali f’dan ir-rigward, fejn jidher li l-istess Espert Psikjatriku kkonkluda li l-omm da parti taghha ghamlet dak li setghet sabiex tinfluwenza lil bintha kontra missierha. Fil-fatt din l-influwenza kellha effett fuq l-imsemmija tifla tant li gie relatat li *“mhux normali li tifla daqshekk zghira tghid biss li missierha ma jhobbhiex u tghid affarijiet negattivi biss fuq missierha”.* Ovvjament dan juri li l-omm min-naha taghha ma qaghditx lura milli ddahhal l-istess minuri fi-kwistjoni serja li hija kellha ma’ zewgha, u certament dan kien ta’ dannu ghal l-istess minuri, li spiss qed jispiccaw bhala ballun bejn il-genituri fejn kulhadd jipprova

jinfluwenzahom, anke kontra l-genitur l-iehor, bl-ghajnuna anke ta’ familjari ohra, li spiss ma’ jidhrux fil-kawza. Fil-fatt din il-Qorti thoss li dan l-attagament huwa wiehed mill-iktar serji fil-kawzi ta’ separazzjoni quddiemha, u huwa vizzju li ghandu jigi indirizzat b’kura specjalizzata adatta – dan ghaliex qed jikkawza hsara kbira lill-istess minuri, u f’dan ir-rigward certament li hemm bzonn kbir li din il-problema f’kawzi quddiem il-Qorti tinghata priorita’ anke permezz li jkunu disponibbli ghal l-istess Qorti iktar persuni specjalizzati u professjonali sabiex jghinu lill-istess minuri u tempestivament jinghataw ghajnuna lill genituri u lil l-istess tfal li jkunu dahhlu f’dan ic-cirku vizzjuz; fil-fatt din il-Qorti thoss li din hija wahda minn diversi kawzi li l-ikbar hsara li saret fuq l-istess minuri, saret indubbjament mill-genituri stess, li ma’ qaghdux lura mili juzaw lil uliedhom kontra l-konjugi l-iehor jew l-ohra skond il-kaz. L-ebda ammont ta’ kliem ta’ kawtela minn din il-Qorti tul il-kawza ma’ sewa sabiex il-partijiet jhallu lil uliedhom barra mill-kwistjoni serja ta’ bejniethom; lanqas il-kliem tas-*Social Workers* u tal-Espert Psikjatriku ma’ sewa, bil-konsegwenza li f’din il-kawza ma kienx hemm biss separazzjoni u firda tal-konjugi izda litteralment firda ta’ l-ahwa, li wiehed jinsab mal-missier u l-ohra tinsab ma’ l-omm.

Illi din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha tipprovdi ghall-access tal-konvenut ghal bintu ta’ darba fil-gimgha u cjoe’ kull nhar ta’ Sibt mid-9:00 sa nofs in-nhar b’dan pero’ li tali access ghandu jkun monitorjat mill-Agenzija Appogg li ghandha tara wkoll li minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz it-tifla minuri m’ghandhiex tigi sforzata minn hadd biex tattendi ghal dan l-access, b’dan ghalhekk li x-xewqat tal-minuri f’dan il-kaz ghandhom jigu rispettati. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tipprovdi sabiex l-Agenzija Appogg tipprovdi *Social Worker* ma’ min l-istess minuri tkun tista’ tikkomunika direttament anke permezz tat-telephone, u l-istess *Social Worker* hekk inkarigata ghandha tikkomunika direttament mal-minuri sabiex tispjegala dan kollu u biex tinformaha bid-drittijiet taghha f’dan ir-rigward u tindika lil din il-Qorti b’ nota fl-atti ta’ din il-kawza kif l-istess minuri ghandha tikkomunika maghha. Din il-Qorti tordna wkoll li anke fil-kaz tat-tifla Kimberley l-

Agenzija Appogg issegwi r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Espert psikjatriku f'din il-kawza, u ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza u ta' l-istess rapport ghandhom jigu notifikati mill-attrici u a spejjez taghha lill-Agenzija Appogg.  L-ispejjez ta' l-inkarigu ta' l-imsemmija agenzija fir-rigward tat-tifla Kimberly ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi rigward il-komunjoni ta' l-akkwisti l-istess komunjoni ghandha tigi kkonsidrata li hija xolta b'effett mid-data ta' din is-sentenza u dwar il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tordna fl-ewwel lok il-bjegh in subbasta tal-fond "Convic Flats, Flat 4, Triq ic-Cawsli, Qormi, skond stima tal-Perit Tekniku Valerio Schembri datata 6 ta' Frar 2004 fejn l-istess immobbli gie stmat li jiswa Lm38,000, b'dan li mir-rikavat l-attrici l-ewwel tiehu l-ammont ta' elf, u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm1,078) rappresentanti arretrati ta' manteniment ghall-minuri li ma thallsux mill-konvenut fil-mori ta' din il-kawza skond id-digrieti vigenti *pendente lite,* u fi-tieni lok l-istess attrici tiehu wkoll is-somma ulterjuri ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) ffisata *arbitro boni viri* minn din il-Qorti rapprestanti l-valur ta' sehem l-attrici mill-mobbli kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, inkluz il-vettura Fiat Uno li kollha baqaw fil-pussess tal-konvenut f'din il-kawza, liema oggetti jikkonsistu fl-istess imsemmija karozza, television u washing machine, main bedroom u single bedroom, b'dan li wara tali prelevamenti favur l-attrici, il-bilanc mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh ta' l-istess immobbli jinqasam bin-nofs bejn l-istess partijiet.

Illi l-attrici qed tigi assenjata wkoll c-*chaufeniuor* tal-kewba, 10 inkwadri, purtieri, set tal-kurutur u set ta' l-ghamara li hija ddikjarat li xtrat wara li kellha titlaq mid-dar konjugali w dan b'applikazzjoni wkoll ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut; fil-waqt li l-konvenut qed jigi assenjat l-karozza Fiat Uno, television, u video, washining machine, main bedroom u single bedroom, u in generali l-mobbli kollha li jinsabu fil-pussess tieghu, eskluz il-mobbli hawn indikati li gew assenjati lill-attrici anke bhala beni parafernali taghha.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tordna lil-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali taghha konsistenti fil-kamra tat-tifla, fridge u cooker, bjankerija, sufan sodda, kenwood kollox kif indikat f'Dok. "LS 1" a fol. 269 tal-process.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-**

(1) Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti u tiddikjara li din sehhet principarjament minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, theddid u ngurji kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, li kawza ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli. Jinghad ukoll li konsegwenti ghal dan tali konvivenza llum m'ghadhiex aktar possibbli anke minhabba adulterju da parti ta' l-attrici.

(2) Tichad din it-talba in kwantu jirrigwarda l-manteniment ta' l-attrici minghand il-konvenut; tiddikjara li l-konvenut ghandu jipprovdi ghall-manteniment ta' ibnu Clayton li fil-fatt jghix mieghu, u tordna lill-konvenut li jhallas lill-attrici bhala manteniment ghal bintu Kimberley l-ammont ta' hamsa u tlettin lira Maltija fil-gimgha (Lm35) u allura ghall- manteniment ta' mija u erbghin (Lm140) kull erba' gimghat, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza attwali ta' l-istess attrici.

Illi din il-Qorti tordna li l-istess ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu Dowty Automotive (Malta) Ltd. jew kull *employer* iehor tal-konvenut, b'mod li l-istess ammont ta' manteniment jintbaghat direttament lill-attrici kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza taghha. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta'

din is-sentenza lill-*employer* tal-konvenut sabiex l-istess jaderixxi ruhhu ma' l-istess fit-termini ta' din id-decizjoni.

(3) Tordna l-kura u kustodja tat-tfal minuri Clayton tibqa' f'idejn il-konvenut missieru b'dan pero' li qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex a spejjez tal-konvenut kemm jista' jkun l-istess Agenzija tara li jigu segwieti u osservati r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Espert Psikjatriku Dr. John Mifsud u fuq kollox tipprovdi terapija necessarja ghal l-istess minuri Clayton. L-istess minuri ghandu jkollu ovvjament din l-opportunita' ta' access ghal l-omm kemm-il darba jkun jixtieqha, u dan ghandu jigi dejjem regolat anke skond ix-xewqat tieghu mill-Agenzija Appogg.

Illi dwar il-minuri Kimberly din il-Qorti tafda l-kura u kustodja ta' l-istess minuri lil l-omm b' access ghall-konvenut ghal bintu ta' darba fil-gimgha u cjoe' kull nhar ta' Sibt mid-disgha ta' fil-ghodu (9:00.a.m.) sa nofs in-nhar (12.00.p.m) b'dan li l-istess minuri tingabar u tittiehed lura bil-mod kif attwalment qed issir illum, b'dan pero' li tali access ghandu jkun monitorjat u segwiet mill-Agenzija Appogg li ghandha tara wkoll li minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz it-tifla minuri m'ghandhiex tigi sforzata minn hadd biex tattendi ghal dan l-access, b'dan ghalhekk li x-xewqat tal-minuri f'dan il-kaz ghandhom jigu rispettati. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tipprovdi sabiex l-Agenzija Appogg tipprovdi *Social Worker* ma' min l-istess minuri tkun tista' tikkomunika direttament anke permezz tat-*telephone*, u l-istess *Social Worker* hekk inkarigata ghandha tikkomunika direttament mal-minuri sabiex tispjegalha dan kollu u biex tinformaha bid-drittijiet taghha f'dan ir-rigward u l-istess *Social Worker* ghandha tindika lil din il-Qorti b'nota fl-atti ta' din il-kawza kif l-istess minuri ghandha tikkomunika maghha. Din il-Qorti tordna wkoll li anke fil-kaz tat-tifla Kimberley l-Agenzija Appogg issegwi r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Espert Psikjatriku f'din il-kawza, u ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza u ta' l-istess rapport ghandhom jigu notifikati mill-attrici a spejjez taghha lill-Agenzija Appogg. L-ispejjez ta' l-inkarigu ta' l-imsemmija agenzija fir-rigward tat-tifla Kimberly ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

(4) Tilqa’ din it-talba fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u dwar il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti tordna fl-ewwel lok il-bejgh in subbasta tal-fond “Convic Flats, Flat 4, Triq ic-Cawsli, Qormi, b’dan li mir-rikavat l-attrici l-ewwel tiehu l-ammont ta’ elf, u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm1,078) rappresentanti arretrati ta’ manteniment ghall-minuri li ma thallsux mill-konvenut fil-mori ta’ din il-kawza skond id-digrieti vigenti *pendente lite,* u fi-tieni lok l-istess attrici tiehu wkoll is-somma ulterjuri ta’ elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) ffisata *arbitro boni viri* minn din il-Qorti rapprestanti l-valur ta’ sehem l-attrici mill-mobbli kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, inkluz il-vettura Fiat Uno li kollha baqaw fil-pussess tal-konvenut f’din il-kawza, liema oggetti jikkonsistu fl-istess imsemmija karozza, *television* u *washing machine*, *main bedroom* u *single bedroom*, (b’dan li tali oggetti qed jigu assenjati lill-konvenut f’din il-kawza) b’dan li wara tali prelevamenti favur l-attrici, il-bilanc mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh ta’ l-istess immobbli jinqasam bin-nofs bejn l-istess partijiet.

Illi l-attrici qed tigi assenjata wkoll c-*chaufeniuor* tal-kewba, 10 inkwadri, purtieri, set tal-kurutur u set ta’ l-ghamara li hija ddikjarat li xtrat wara li kellha titlaq mid-dar konjugali w dan b’applikazzjoni wkoll ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut; filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat bhala sehemu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti l-karozza Fiat Uno, *television*, u *video*, *washing machine*, *main bedroom* u *single bedroom*, u in generali l-mobbli kollha li jinsabu fil-pussess tieghu, eskluz il-mobbli hawn indikati li gew assenjati lill-attrici anke bhala beni parafernali taghha.

(5) Illi fl-ahharnett din il-Qorti tilqa’ din it-talba u tordna lil-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ tlettin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali taghha konsistenti fil-kamra tat-tifla, *fridge* u *cooker*, bjankerija, sufan sodda, *kenwood* kollox kif indikat f’Dok. “LS 1” a fol. 269 tal-process.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------